


Riċerka

# Il-Fratellanza tal-Kunċizzjoni tagħlaq 350 sena

*Joseph C. Camilleri*

*Din is-sena l-Konfraternità tal-Kunċizzjoni tagħlaq 350 sena mindu twaqqfet fil-Parroċċa ta' Ħal Tarxien. Din ir-riċerka tfakkar dan. Nittamaw li dan l-anniversarju jkun iċċelebrat kif xieraq. Intant nappellaw biex il-kwadru l-antik tal-Kunċizzjoni, li jinsab fi stat ħażin ta' konservazzjoni, ikun restawrat mill-aktar fis qabel ma ssirlu aktar ħsara.*

Ftit snin wara li Ħal Tarxien sar Parroċċa dedikata lil Marija Annunzjata fl-1592, inħasset il-ħtieġa ta' knisja parrokkjali akbar fl-1610, biex taqdi l-bżonnijiet spiritwali tat-Tarxiniżi. Waqt li kienet qed tinbena l-knisja parrokkjali, ċertu Dijonisju Calleja ngħata reskritt datat 11 ta' Marzu 1617 mingħand l-Isqof Baldassare Cagliares, biex ikollu kappella f'din il-knisja parrokkjali ġdida. Milli jidher dan Dijonisju Calleja kien wieħed tat-tajjeb għaliex fl-istess sena, jiġifieri fis-16 ta' Novembru, kien ħa ħsieb biex "jipprovdi kull ma kien jinħtieġ biex tibda ssir il-festa tal-Kunċizzjoni f'din il-kappella."

Hekk bdiet id-devozzjoni fost it-Tarxiniżi lejn l-Immakulata Kunċizzjoni. Barra minn hekk, il-kappella tal-Kunċizzjoni li kien ħallas għaliha Calleja, saret ġuspatronat tal-familja tiegħu. Għalhekk ħa ħsieb li jkun hemm qabar fil-kappella għalih u għall-werrieta tiegħu. Dijonisju Calleja kien anke waħħal kitba fin-naħa tax-xellug tal-kappella biex ifakkar l-għoti tal-permess u l-ġuspatronat mill-Isqof Cagliares. Illum din il-kitba m'għadhiex aktar f'din il-kappella. Il-kappella tal-Kunċizzjoni kienet inbniet sas-sena 1621 u "kellha kull ma kienet tinħtieġ."

Ma nafux minn fejn bdiet id-devozzjoni li Calleja kellu lejn il-Kunċizzjoni. Jista' jkun li Calleja kellu kuntatt mal-ibliet tal-Kottonera, forsi minħabba n-negozju tiegħu, forsi minħabba xi kuntatti familjari, ma nafux. F'dawn il-bliet kien hemm devozzjoni kbira lejn il-Passjoni ta' Kristu u lejn il-Kunċizzjoni, tant li l-Parroċċa ta' waħda minnhom – Bormla – hi ddedikata lill-Kunċizzjoni. Il-pożizzjoni ewlenija tal-kappella, mal-ġenb tal-altar maġġur, turi li dan Dijonisju Calleja kien Tarxiniż ewlieni. L-oħra pariġġa fil-ġenb l-ieħor tal-altar maġġur kienet iddedikata lill-Madonna tar-Ružarju, u l-bqija tal-kappelli kienu matul il-korsija, u żewġ bibien fil-kappelluni.

**Il-kappella fil-knisja**

Il-familja Calleja rat li l-kappella ma kien jonqosha xejn. Barra altar kien hemm ukoll inkwatru. Skont iż-żjara pastorali tal-1636, jiġifieri 24 sena minn tmiem il-bini tagħha, din il-kappella kellha diġà inkwatru tal-Kunċizzjoni. Dan l-opra kien fiha x-xbihat tal-Madonna u tal-Missier Etern.[1] Dan il-kwadru li jidher li hu ta' livell għoli ħafna, illum jinsab fi stat ħażin. Xi wħud, illum huma tal-fehma li sar minn xi artist li kellu influwenza ta' Giovanni Francesco Barbieri, il Guercino. Naraw lill-Madonna bilwieqfa b'idejha fuq sidirha, bil-ħwejjeġ tipiċi marbtuin magħha, jiġifieri libsa ħamra jew roża skur u mantell blu skur. Il-pożizzjoni Marjana hi waħda monumentali. Ħarsitha 'l quddiem, turi l-glorja kollha ta' mara li kellha missjoni partikulari, jiġifieri parti mill-pjan t'Alla għas-salvazzjoni tal-bniedem. Taħt il-figura Marjana hemm is-simboli marbutin mal-konċepiment tal-Madonna – in-nofs qamar u s-serp. Fuq il-Madonna qalb is-sħab jidher il-Missier Etern.

Il-familja Calleja kompliet iżżejjen din il-kappella matul iż-żmien. Qrib l-1653 nbdiet id-dekorazzjoni tagħha. Madwar il-kwadru sar gwarniċ tal-ġebel. Iż-żewġ tarġiet tal-ġebel, ta' quddiem l-altar raw tibdila. Tneħħiet waħda minnhom, "saret tal-injam." Il-Profs Borg jgħidilna li "kien l-ewwel kwadru fil-parroċċa li ġie mdawwar bi gwarniċ tal-ġebel."

L-iżviluppi fil-kappella tal-Immakulata Kunċizzjoni komplew biex għamlu l-kappella waħda mill-aqwa kappelli fil-knisja parrokkjali. Mir-rapport taż-żjara pastorali tal-1679, l-Isqof Molina rraporta li l-iskannell ma baqax aktar tal-injam imma sar wieħed tal-ġebel. Dan ifisser li kien sar tibdil fl-altar tal-kappella. Profs. Borg jgħidilna li dan l-altar issa kellu żewġ tarġiet. Barra minn hekk, madwar il-kwadru tal-kappella tpoġġew par kolonni skolpiti fil-ġebla. Id-dekorazzjoni tal-kappella kienet għal qalb il-fratelli. Profs. Borg kiteb li kienu ferħanin bid-dekorazzjoni u jtenni li "wieħed ma jridx jinsa li din il-kappella, tneħħi l-bini tal-kuppletta, ma sarulhiex tibdiliet strutturali madwar l-altar tagħha bħal ma ġara lill-kappelli li kien hemm fil-ġnub tal-korsija u b'hekk ma kellhomx għalfejn ibiddlu d-dekorazzjoni, li ġa kien hemm fil-prospettiva tagħha."

Wieħed ma jistax ma jikkummentax li l-familja Calleja u wara l-fratelli tal-Kunċizzjoni ħadu ħsieb biex il-kappella tal-Immakulata tkun waħda mill-aqwa kappelli li kien hemm fil-knisja parrokkjali. Dan nafuh grazzi tar-riċerka tal-Profs. Borg li qalilna li d-dekorazzjoni tal-knisja parrokkjali bdiet mill-parti ċentrali, ħaġa li wieħed kien jistenniha, u kompliet fil-kappelli sew tal-Madonna tar-Rużarju u sew f'dik tal-Kunċizzjoni. Kien hemm qisu 'tiġrija' bejn dawn iż-żewġ fratellanzi. Fl-1653 naraw li l-kappella tal-Kunċizzjoni kellha l-ġwarniċ tal-ġebel madwar il-kwadru u żewġ kolonni, bħall-altar tar-Rużarju. Barra minn hekk, iż-żewġ kappelli kellhom skannelli dekorattivi, dawk tal-Kunċizzjoni kienu tal-ġebel waqt li dawk tar-Rużarju kienu tal-injam. Id-dekorazzjoni tal-altari l-oħra ġiet wara. L-iskannell tal-Kunċizzjoni kellu żewġ tarġiet waqt dak tar-Rużarju kellu aktar minn tnejn.

Minn dan ix-xogħol, spejjeż u taħbit kollu biex issir din id-dekorazzjoni u b'hekk il-knisja parrokkjali tisbieħ, ma baqa' xejn. Mis-sena 1890, il-ħitan tal-knisja parrokkjali bdew jiġu llixxati minn kull element dekorattiv. Dan ix-xogħol kien parti minn pjan fuq bażi nazzjonali mill-Moviment tan-Nazzareni biex il-knejjes jiġu mneżża' minn kull dekorazzjoni li għal għajnejhom kienet tidher żejda. Ix-xogħol tal-knisja kien f'idejn perit, il-perit Busuttil. Tassew ħasra!

**Żvilupp tal-kult tal-Kunċizzjoni**

Hu minnu li l-kult tal-Kunċizzjoni u dak tal-Lunzjata huma marbutin mal-istess misteru, il-misteru tal-Inkarnazzjoni. Għalhekk ma kinitx daqshekk diffiċli għat-Tarxiniżi, forsi l-aktar għall-familja Calleja biex il-kult tal-Immakulata Kunċizzjoni jikber fost il-komunità Tarxiniża. Dan wassal biex twaqqfet kongregazzjoni Marjana qabel l-1668. E.B. Vella fil-ktieb tiegħu *Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid* jgħid li l-Kongregazzjoni tal-Kunċizzjoni bdiet fit-8 ta' Ottubru 1622.[2] Il-membri ta' din l-għaqda kienu jiltaqgħu fil-knisja kull nhar ta' Sibt u f'lejlet il-festi Marjani. Il-Kappillan Don Johannes Barbara, li kien Bormliż, kien ir-rettur ta' din il-kongregazzjoni u billi ħafna mill-membri kienu jispiċċaw mix-xogħol tard filgħaxija, il-funzjonijiet kienu jibqgħu sejrin sa tard bil-lejl. Din kienet kontra r-regoli tas-Sinodu u għalhekk il-Kappillan għamel talba lill-Isqof Astiria biex il-knisja parrokkjali tkun tista' tibqa' miftuħa. Din it-talba ġiet milqugħa fl-20 ta' Settembru, 1668. L-istess Isqof, waqqaf il-Fratellanza fil-kappella ddedikata lill-Kunċizzjoni. Dan seħħ b'digriet tiegħu u jumejn wara dan id-digriet tniżżel fir-registri tal-Atti tal-Kurja.

L-1668 hija sena pjuttost bikrija għat-twelid ta' fratellanza tal-Kunċizzjoni barra mill-Kottonera. Grazzi għal Profs. V. Borg insibu li f'Bormla twaqqfet fl-1581. Imbagħad, qabel l-1646, insibu żewġ fratellanzi fl-Isla u fil-Birgu. Ħal Tarxien daħal fix-xena fl-1668. Fattur importanti li jista' jispjega kif il-kult tal-Kunċizzjoni daħal fil-parroċċa Tarxiniża kienet il-viċinanza bejn il-lokalitajiet. Ħal Tarxien kien magħruf għat-tkabbir tal-mogħoż. Min jaf kemm Tarxiniżi kienu jħallu r-raħal ta' kuljum biex ibiegħu l-ħalib lin-nies tal-Kottonera. Jista' jkun li Dijonisju Calleja kellu xi negozju li kien jieħdu ta' spiss fil-Kottonera u hemm ra b'għajnejh id-devozzjoni lejn l-Immakulata Kunċizzjoni.

Id-devozzjoni lejn l-Immakulata fost it-Tarxiniżi kibret malajr. Nafu, dejjem grazzi għar-riċerka tal-Profs. Vinċenz Borg li n-numru tan-nies imsieħba fil-fratellanza tal-Kunċizzjoni kien tant kbir li fl-1727, jiġifieri kważi sittin sena mit-twaqqif tal-Fratellanza, li l-Fratellanza kienet tuża l-knisja għal-laqgħat tagħha u mhux il-kappella tagħha. Wara Ħal Tarxien, id-devozzjoni bdiet tikber aktar tant li twaqqfu fratellanzi fir-Rabat ta' Malta (1731) u fl-Imqabba (1772).

**Arti tal-fratellanza tal-Kunċizzjoni**

L-ewwel kwadru tal-Kunċizzjoni kien fih il-Madonna u l-Missier Etern. Dan l-inkwatru ma jissemmiex aktar fir-rapport tal-Isqof Gori Mancini tas-sena 1723.[3] It-tieni kwadru kien juri biss lill-Madonna Immakulata. Fl-1723 l-Isqof Mancini sab il-kwadru li hemm illum fuq l-altar tal-Kunċizzjoni. Rafel Bonnici Calì kiteb li dan ix-xogħol hu opra tal-pittur Rokku Buhagiar u sar fl-1770. L-istess kittieb jgħid li l-figura tal-kittieb li hemm fil-kwatru hu dik ta' Ġeremija. Xi wħud huma tal-fehma li hu profeta ieħor – Iżaija. Hawn naraw il-figura Marjana fil-qalba tal-kwatru. Il-Madonna liebsa abjad u mantell blu, l-ilwien marbutin ma' din id-devozzjoni. Rasha tħares lejn l-art, torbot is-sema mal-art, id-divin ma' dak uman. Taħt saqajha jidher il-qamar, tgħaffeġ ras is-serp. Il-figura hi mdawra bis-sħab iswed li hu s-simbolu tad-dnub. Il-Madonna tinsab taħt ir-raġġi tal-Ispirtu s-Santu li jinsab fir-rokna fil-parti ta' fuq. Qalb is-sħab hemm qtajjiet ta' puttini u anġli żgħar. Wieħed mill-anġli għandu ġilju, is-simbolu tas-safa. Fir-rokna hemm kittieb, wieħed li jinsab iħares lejn il-Madonna. Wieħed ma jistax ma jikkummentax li dan il-kwadru jorbot il-Kunċizzjoni mal-Lunzjata. Insibu l-figura tal-Ispirtu s-Santu kif ukoll il-ġilju, żewġ affarijiet li wieħed isibhom fl-inkwadri tal-Lunzjata.

Ta' min jgħid li l-inkawtru tal-Kunċiżżjoni hu nkurunat. Fil-knisja parrokkjali hemm tlitt kwadri oħrajn inkurunati, l-Madonna tar-Rużarju, il-Madonna tal-Karmnu u l-Madonna taċ-Ċintura.

**L-istatwa**

Il-fratellanza tal-Kunċizzjoni għandha l-istatwa tagħha, maħduma mill-kartapesta minn Karlu Darmanin qrib l-1870. Il-vara hija waħda monumentali. Naraw lill-Madona fuq sħab lewn tal-fidda. Taħtha il-qamar, u tidher qed tirfes sieq il-Madonna hemm is-serp. Il-Madonna liebsa libsa bajda, parti minnha merfugħa 'l fuq permezz ta' ħabel dehbi. Il-Madonna għandha mantell ikħal, bil-kmiem tal-libsa miftuħin u mill-minkeb tidher il-libsa ta' taħt. Anke din il-libsa hija wkoll ta' lewn abjad.

Għall-festa l-vara tintrama bil-fjuretti tal-granutell. Dawn il-fjuretti kienu jintramaw mal-ġenb tal-altar maġġur. Il-pedestall aktarx għadu xogħol Karlu Darmanin.



*Il-wiċċ seren tal-Kunċizzjoni*

Il-bankun inħadem u ngħata lill-knisja minn Ġużeppi Galea (ta' Melita). Dan Ġużeppi Galea għamel dan il-bankun b'devozzjoni lejn San Ġużepp. Qabel ma nħadem kien sar ftehim li fuq kull faċċata tal-bankun jagħmlu simbolu tal-erba' qaddisin biex il-bankun ikun jista' jintrama fil-festa tagħhom – il-Kunċizzjoni, San Alwiġi Gonzaga, San Franġisk t'Assisi u San Ġużepp. Meta tinħareġ xi vara jpoġġu wiċċ il-bankun skont il-festa li ser tkun tiġi ċelebrata. Għalhekk fuq kull faċċata jidhru l-emblemi ta' San Ġużepp (knisja imserrħa fuq żewġ ġilji), San Alwiġi Gonzaga (ktieb u ġilju, San Franġisk t'Assisi (par idejn bil-pjagi), u l-Kunċizzjoni (stellarju bi tnax-il kewkba). Din il-bradella ġiet inawgurata fid-19 ta' Marzu, 1986, festa ta' San Ġużepp.

Id-disinn tal-bankun sar minn Antonio Buhagiar[4] waqt li d-disinn tal-iskultura u l-iskultura nnifisha saru minn Renzo Gauci. Il-bankun sar fi żmien il-kappillan Dun Dione Cutajar, jiġifieri wara l-1985.

**L-artal maġġur fil-festa tal-Kunċizzjoni**


*L-artal tal-Kunċizzjoni*

Billi l-festa tal-Kunċizzjoni hi waħda mill-festi sekondarji tal-parroċċa ta' Ħal Tarxien, l-artal maġġur jintrama għal din l-okkażjoni. Fuq l-artal jitpoġġew is-sett ta' figuri 'Dumanikani' tal-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju. Dan is-sett, li fih erba' statwetti ġew indurati bil-fidda minn David Mercieca. Dawn l-istatwetti għandhom l-istorja tagħhom x'jirrakontaw, kif spiċċaw fuq l-artal maġġur għall-festa tal-Kunċizzjoni.

Fi żmien il-prokura tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni ta' Dun Anton Zammit saret talba mill-istess Dun Anton biex għall-festa tal-Kunċizzjoni ma jintramawx aktar il-fjuretti tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni fuq l-artal maġġur. Dawn il-fjuretti kienu qdiemu u ma baqgħux sbieħ. Dun Anton Zammit għall-ewwel ried żewġ statwetti minn tal-Fratellanza tar-Rużarju u tnejn minn tal-Fratellanza tad-Duttrina. Naturalment kellhom jidħlu fix-xena l-kappillan Dun Dione Cutajar u l-prokuratur tal-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju Dun Ġużepp Theuma (1922-2013). Sar ftehim li Gejtu Sciberras f'isem il-Fratellanza tar-Rużarju, jagħti lil Ġużeppi Galea dawn l-istatwetti biex jiġu indurati minn id David Mercieca b'kundizzjoni li dawn l-istatwetti jintużaw mill-fratellenza tal-Kunċizzjoni għal fuq l-artal maġġur fil-festa li torganizza l-fratellanza ad unur il-Kunċizzjoni. Il-flus għall-ispejjeż u għax-xogħol tal-induratura, ħariġhom Ġużeppi Galea u xi parruċċani. L-istatwetti indurati żżanżnu fil-festa tar-Rużarju u wara bdew jintużaw, kull sena, għal fuq l-artal maġġur fil-festa tal-Kunċizzjoni.

**Il-pittura tal-koppletta**

Il-koppletta tpittret mill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi fi żmien il-kappillan Dun Dione Cutajar. Kittieb anonimu kiteb hekk fil-fuljett tal-parroċċa: "Fit-tmien flieli tal-koppletta naraw lil Verġni Mbierka fil-ħsieb tat-Trinità Mqaddsa, kollha kemm hi safja u nadifa; lil Gedeon maġenb il-munzell tas-suf li waħdu baqa' niexef; il-laqgħa tal-Madonna ma' Eliżabetta li sellmitilha b'Imbierka fost in-nisa; lil Ġuditta, rebbieħa fuq Oloferne; lil San Ġwann jikteb il-viżjoni tal-mara mlibbsa x-xemx; lill-Profeta Isaija jħabbar tal-Verġni li ssir Omm; lil Verġni Marija tilqa' t-tislima tal-anġlu "Bil-grazzja mimlija" u lis-sultana Ester ipprivileġġjata minn Assweru."

Il-pittura tbierket u nkixfet minn Mons. Bartolomew Bezzina, waqt quddiesa solenni li saret f'jum



*Il-kwadru l-antik tal-Kunċizzjoni, xogħol anonimu (qabel 1636)*



*Il-kwadru tal-Kunċizzjoni, xogħol Rocco Buhagiar (1770)*

il-Kunċizzjoni. Il-Kappillan irringrazzja lill-benefattur li kien Kelinu Cachia, li ħallas għaliha u lill-voluntieri li għenu fid-dekorazzjoni tal-istess koppletta. Joseph A. Farrugia qal li dawn ix-xogħlijiet qamu 400 lira. Fl-1979 il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi kompla x-xogħol fuq il-koppletta billi għamel l-erba figuri tal-pendenti. Dawn juru lil Massimilliano Kolbe, Giovanni Scotus, Efrem is-Sirjak u l-Papa Piju IX.

Fuq l-altar tal-Kunċizzjoni hemm pittura-wiċċ (sotto-kwatru) żgħira ta' San Ġorġ Preca. Din saret minn Renzo Gauci qrib is-sena 2012.

Il-kappella għandha erba' lapidi. Waħda minn dawn il-lapidi hija ta' Giacomo Aspinall, negozjant Ingliż li kien ukoll fil-Kunsill tal-Gvern. Dan kien joqgħod f'Ħal Tarxien. Hemm lapida oħra ta' Dijonisju Calleja, oħra lil Vincenzo Borg u l-aħħar waħda hija ta' mart Vincenzo Borg – Lucia Crocco. Il-paviment tal-kappella sar mill-irħam a spejjeż il-fratellanza. Bħala tifkira taħt it-tarġa li tagħti għall-kappellun tal-Madonna tal-Karmnu hemm kitba li tgħid li dan l-irħam tħallas mill-fratellanza tal-Kunċizzjoni fis-sena 1928.

**Il-kappella fil-festa**

Fil-festa tal-Lunzjata dan l-altar ikun armat bi statwetti ta' profeti u sett gandlieri. Dawn il-figuri kienu ikkummissjonati minn Ġużeppi Farrugia[5] (magħruf bħala Ġużeppi ta' Lieni), li kien wieħed mir-retturi tal-fratellanza tal-Kunċizzjoni. Dawn huma xogħol Mattew Agius (tad-Dajda) fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Tħallsu minn Ġużeppi Farrugia u mill-ġbir fost it-Tarxiniżi. Barra

minn dan is-sett ta' statwetti hemm ukoll sett ta' gandlieri. Dawn saru minn Franku Faure fis-snin 1920 u tħallsu minn Mikiel Calleja (tal-Koxx). Dawn saru biex jintramaw fuq l-altar tal-Madonna tal-Kunċizzjoni għall-festa titulari u dik tal-Kunċizzjoni, fuq l-altar tal-Qalb ta' Ġesù għall-festa tiegħu u fuq l-altar ta' San Mikiel u San Franġisk għall-festa ta' San Mikiel. Dan hu sett gandlieri tassew interessanti għax għandu waħda mid-drawwiet tal-festi sekondarji li kienu jiġu ċċelebrati fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien.

Il-lampier li jintrama fil-kappella fil-jiem tal-festa titulari hu tal-fidda. Dan hu rigal tal-Gran Mastru Pinto lill-Kappillan ta' Ħal Tarxien Dun Tumas Cirillo Formosa bħala turija ta' qima li kellu lejn dan il-kappillan. Il-kappillan Cirillo Formosa kien għamel kawża lill-isqof Rull.[6] It-terħa tal-altar tal-kappella tal-Kunċizzjoni saret minn Furtu Farrugia. Il-bizzilla saret ukoll minn Furtu Farrugia. Intant, il-ventartal tal-Kunċizzjoni, bħal dawk tal-bqija tal-kappelli, hu tal-injam, aktarx disnn u xogħol ta' Franku Faure.

**Il-fratelli**

Il-fratellanza għandha standard ta' lewn ikħal ċar. Il-fratelli jilbsu muzzetta blu. Il-medaljun tal-fratellanza juri x-xbieha tal-Immakulata Kunċizzjoni. Kull fratell għandu l-medalja li turi xbieha tal-Madonna tal-Kunċizzjoni. Is-surġentina għadha xbieha tal-Madonna bil-qamar taħt saqajha.

Il-fratelli tal-Kunċizzjoni kienu ġejjin minn ċertu familji Tarxiniżi. Il-familja Grech (tal-Ixkawx) kellha diversi fratelli fosthom Salvu, Mikiel u Toninu. Kien hemm ukoll il-familja Mercieca, wieħed minnhom kien Żaren ta' Piċa. Dan baqa' fratell sakemm miet. Kien hemm ukoll il-familja Farrugia, fosthom Ġużeppi u ibnu Furtu Farrugia. Kien hemm ukoll ta' Ciantar. Dan kien jilbes mal-fratellanza tal-Kunċizzjonji. Meta ġie lura mill-Awstralja daħal mill-ġdid mal-fratellanza tal-Kunċizzjoni. Fl-aħħar nett kien hemm Salvu Portelli tal-Koxx fost l-oħrajn.



*Il-medaljun tar-Rettur tal-Fratellanza*

**Folklor**

Nhar il-festa tal-Kunċizzjoni, li qabel kienet iċċelebrata, bit-tridu kienet toħroġ purċissjoni bil-fratelli u membri tal-kleru. Din il-purċissjoni kienet tgħaddi mit-toroq tal-festi sekondarji Tarxiniżi – Misraħ is-Suq, Triq Paola, iddur għal Vjal Simmons, Triq Santa Marija u Strada Rjali (il-Kbira) għall-knisja. Illum din il-purċissjoni ma għadhiex issir. Tassew ħasra!

Intant, meta l-vara titulari tal-Lunzjata tinħareġ min-niċċa għan-novena, l-vara tal-Kunċizzjoni titqiegħed minflokha. Meta jsir dan fin-niċċa tal-Kunċizzjoni li tinsab fl-intrata ta' wieħed mill-bibien tal-ġenb titpoġġa l-vara ta' San Alwiġi.

**Leġġenda tal-vara tal-Kunċizzjoni**

Hemm żewġ leġġendi marbuta mal-vara tal-Kunċizzjoni. L-ewwel leġġenda tgħid li tant hu sabiħ wiċċ il-Madonna, li l-artist ma setax jagħmlu u sabu lest matul il-lejl. Din it-tip ta' leġġenda għandha diversi varjanti ddedikati lil diversi vari. Aktarx dawn il-vari jkunu vari li jkollhom wiċċ tassew artistiku.

It-tieni leġġenda tgħid li l-Bormliżi tant riedu din il-vara li meta ġew Ħal Tarxien offrew is-sett vari tal-passjoni u l-fided li hemm fil-knisja parrokkjali ta' Bormla biex jieħdu din il-vara. It-tarxiniżi kienu tant ferħanin bil-vara li ma ridux jisimgħu b'dan il-tpartit.[7]

*Appell tal-awtur: Aktar tagħrif fuq il-fratellanza tal-Kunċizzjoni jista' xi darba jinkiseb billi is-Sur Grech tal-Ixkawx, kien qal lis-Sur Joseph A. Farrugia li Dun Anton Zammit, qassis li ħadem ħafna fost it-tarxiniżi kien qed iġorr mid-dar tiegħu li kienet fi Triq Santa Marija, bieb ma' bieb mal-kappella ta' Santa Marija, instabet kaxxa (boxfile), li fiha kien hemm tagħrif fuq il-fratelli u l-fratellanza tal-Kunċizzjoni għax Dun Anton Zammit għamel xi snin bħala Rettur tal-fratellanza tal-Kunċizzjoni. Is-sur Grech kien ħadha għand il-kappillan Dun Karm Mercieca. Nittamaw li din il-kaxxa tinsab mal-kotba tal-fratellanza li jinsabu fuq is-sagristija l-qadima fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien.*

### *Noti*

1. Din il-pittura tinsab f'kamra fuq is-sagristija l-qadima.
2. E.B. Vella jsejjaħ din l-għaqda bħala konfraternita. Din id-data tinsab uwkoll f'kitbiet ta' Kelinu Cachia.
3. Dan il-kwadru jinsab fil-kamra ta' fuq tal-knisja parrokkjali. Illum l-inkwatru jinsab fi stat ħażin u għandu bżonn ir-restwar.
4. Antonio Buhagiar kien hu l-artist u disinjatur Emmanuele Buhagiar.
5. Ġużeppi Farrugia kien mastrudaxxa prim. Apparti xogħlijiet fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien, għamel xogħlijiet oħra għall-knisja ta' Marija Regina fil-Marsa (1978) u fil-knisja tal-Bidnija (1979). Ġużeppi Farrugia ħadem ukoll l-injam tan-niċċa tal-Madonna tad-Duttrina li tinsab fil-kappella tal-Madonna tal-Kunċizzjoni.
6. Fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien hemm lampier ieħor tal-fidda li hu wkoll rigal tal-Gran Mastru Pinto. Dan jintrama, matul il-jiem tal-festa, quddiem l-istatwa tan-Nazzarenu.
7. Leġġenda li kienet tirrakkonta ommi, Lorenza Camilleri (xebba Bezzina) li kienet twieldet u għexet f'Ħal Tarxien. Ara Camilleri J.C., *Ġabra ta' Leġġendi*.

### ***Referenzi***


Anon., 'Devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni fil-Parroċċa tagħna', f'*Tarxien*, Malta 2010
Anon., *Tarxien* (Għadd 65 – Ħarġa speċjali tal-festa), Malta 1986
Anon., 'Pittura Ġdida' f'*Tarxien* (Għadd 52 – Jannar- Frar), Malta 1984
Bonnici Calì R., 'L-Arti fil-Knisja tal-Parroċċa', f'Borg V., *Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien*, Malta 1973
Borg V., *Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien*, Malta 1973
Borg V., *Marian Devotions in the Islands of St Paul (1600-1800)*, The Historical Society, Malta 1983
Borg V., *The Maltese Diocese during the Seventeeth Century*, Gutenberg Press, Malta 2015
Buhagiar M., *The Exhibits, Marian Art During the 17th and 18th Centuries*, Malta 1983
Camilleri J.C., *Ġabra ta' Leġġendi*, Wise Owl Publications, Malta 2010
Cutajar D., 'Seventeenth and Eighteenth Century Art in Malta', f'Buhagiar, M., *Marian Art During the 17th and 18th Centuries*, Malta 1983
Terribile T., *Teżori fil-Knejjes Maltin – Birżebbuġa, il-Fgura, Ħal Għaxaq, Ħal Luqa, Santa Luċija, Ħal Tarxien*, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta 2008
Vella E.B., *Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid (Pawla)*, Empire Press, Malta 1932


### ***Ħajr***


lis-Sur Joseph A. Farrugia (komunikazzjoni miegħu fl-4 ta' Diċembru 2017, fil-31 ta' Jannar 2018, u fl-1 ta' Frar 2018)
u lis-Sur Aurele Gafà (komunikazzjoni miegħu fil-5, 12 u 27 ta' Jannar 2018, u fil-5 ta' Frar 2018).


